MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 2334/2004/1

**David Farrugia**

**vs**

**Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta’ Novembru 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li l-Awtorita’ konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur l-ammont ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti l-ammont dovut ghat-tieni sena tal-kors li kien se jaghmel l-attur meta kien impjegat ma’ l-Awtorita’ kif ahjar spjegat fl-istess Avviz u l-Kuntratt (Dok. A. u Dok. B).

Ra li l-Awtorita' konvenuta rrispondiet li l-attur kellu jigi misluf l-ammont rikjamat u jhallsu lura b'xoghol (cjoe' commitment li jahdem) galadarba ma baqax fl-impjieg il-kuntratt de quo gie fix-xejn.

Fl-Affidavit tieghu l-attur spjega li skond il-Kuntratt B waqt il-kors ta' l-impjieg tieghu ma' l-Awtorita', l-Awtorita' kienet taghtu *sponsorship* biex isegwi kors. L-Awtorita' hallset ghall-ewwel sena izda ma hallsitx ghat-tieni sena. L-attur hallas ghat-tieni sena u ghalhekk qieghed jippretendi li l-Awtorita' thallsu. L-attur spjega li skond il-kuntratt ta' xoghol, l-Awtorita' kellha d-dritt li tikkonferti l-kuntratt ta' l-impjieg tieghu ghal wiehed indefinit izda ghazlet li ma taghmilx hekk u ghalhekk il-kuntratt ta' xoghol spicca. L-attur qal ukoll li skond il-ftehim li kellu mal-Malta Institute of Management kieku l-attur ma hallasx ghat-tieni sena tal-kors kien ser ikun marbut biex ihallas sittin fil-mija (60%) ta' elfejn disa' mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm2,995).

Ra li l-Awtorita' ma resqet l-ebda provi.

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur.

Ikkunsidra

Illi skond il-ftehim Dok. B a fol 7 tal-process l-Awtorita' ntrabtet li taghti *sponsorship* u fost affarijiet ohra thallas elf hames mija u hames liri Maltin (Lm1,505) ghat-tieni sena tal-kors. Illi fl-istess ftehim hemm obbligu ghall-attur li jahdem ghal hames snin minn meta jircievi l-ewwel pagament. Illi kienet l-Awtorita' li ddecidiet li l-attur ma jistax ikompli fl-impjieg tieghu u ghalhekk l-istess Awtorita' ma tistax tuza l-fatt li l-impjieg gie tterminat bhala skuza biex ma tonorax l-obbligi taghha. Fl-istess ftehim Dok. B, l-Awtorita' kkunsidrat diversi kazi fejn l-attur kien ikollu l-obbligu li jhallas ammont lura izda m'hemm ebda klawsola li tirregola s-sitwazzjoni fejn l-Awtorita' ghar-ragunijiet taghha tittermina l-impjieg.

Ghalhekk ir-Risposta hija michuda, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Awtorita' konvenuta sabiex thallas elf u

hames mitt lira Maltin (Lm1,500) lill-attur bl-ispejjez u bl-imghax mis-17 ta' Dicembru, 2004 sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta."

L-aggravju ewlieni sottomess mill-Awtorita` konvenuta kontra din is-sentenza hu dak li t-Tribunal ma interpretax sew il-kuntratt tal-15 ta' Ottubru 2003 bejn il-partijiet. Kuntratt dan li kien jipprovdi ghal "self" mis-socjeta` appellanti lill-attur appellat biex dan jikkonsegwi kors imniedi mill-Maastricht School of Management imma suggett ghal kundizzjonijiet specifici stipulati fih, in partikulari, li l-attur "*will be obliged to work for a period of five years commencing on the date of the first payment made to you*";

Sewwa inghad mis-socjeta` appellanti illi l-kaz in disamina jirrigwarda interpretazzjoni tal-kuntratt. In kwantu tali, dan hu suggett certament ghall-kriterji maghrufa ta' l-ermenewtika dettati fil-Kodici Civili taghna fl-Artikoli 1002 sa 1011. Primarjament , ghall-iskop ta' l-individwazzjoni u l-accertament ta' l-intenzjoni komuni tal-partijiet min hu msejjah biex jiggudika jehtieglu jizvolgi indagini mhux sempliciment u limitatament ghas-sens letterali tal-kliem imma b' estensjoni wkoll ta' dak l-element logiku li jippresta attenzjoni u valutazzjoni xierqa lill-imgieba, kemm anterjuri, kif ukoll posterjuri, tal-kontraenti. Dan jidher li minn dejjem kien l-indirizz kostanti tal-Qrati taghna. Ara, ad ezempju, **Kollez. Vol. XXXIV P I p 27** u **Vol. XLI P I p 531**. Tajjeb li jigi osservat f' dan il-kuntest illi, kif intqal mill-Onor. Imhallef Paolo Vella 'l fuq sew minn seklu ilu, dawn l-istess kriterji direttivi bhala mezz ta' interpretazzjoni ma jivvinkolawx "*la liberta` del giudicante tenuto a prendere in calcolo le circostanze speciali in ciascun caso.*" (**Kollez. Vol. X pagna 345**). Cirkostanzi specjali li, fil-hsieb tal-Qorti, jokkorru wkoll fix-xorta tal-kuntratt taht kunsiderazzjoni;

Mill-provi in atti jirrizulta li l-antecedenti ghall-ftehim tal-15 ta’ Ottubru 2003 rigwardanti l-isponsorizzazzjoni mill-Awtorita` appellanti tal-kors ta’ studju u tahrig kien il-kuntratt ta’ impjieg datat 20 ta’ Novembru 2002 (fol. 2) li permezz tieghu l-attur gie impjegat bhala Systems Administrator ghall-perijodu prefiss ta’ sentejn, effettiv mill-5 ta’ Lulju, 2002. Fih kien mahsub bi klawsola 23 illi “*the contract will be automatically transformed on 5th July 2004 into an indefinite contract, if any of both parties does not give notice of termination at least eight weeks before such date*.” B’ ittra datata 30 ta’ April 2004 (fol. 23) l-Awtorita` appellanti pprevaliet ruhha minn din il-klawsola billi intimat lill-attur li ma kienetx behsiebha tikkonverti l-impjieg tieghu f’ wiehed bla zmien u li allura dak l-avviz kellu jinftiehem bhala “*notice of termination*”;

Jirrizulta wkoll mill-provi illi wahda mill-kundizzjonijiet tal-kors, ghal liema ssottoskriva l-attur, kienet tipprovdi illi “*cancellations, for whatever reason, after programme commencement, shall be liable to a cancellation fee equivalent to 60% of tuition fees due*”. Skond l-attur, mhux kontraddett, l-Awtorita` hallsitlu ghall-ewwel sena tal-kors imma, in vista tat-terminazzjoni, irrifjutat li thallaslu l-mizata korrispondenti ghat-tieni sena. Dan nonostante li hu kien irceva l-avviz ghall-hlas anticipat b’ ittra ta’ l-Istitut fl-1 ta’ Lulju 2004 (fol. 25) meta allura l-impjieg tieghu ma kienx ghadu ntemm ghal kollox. L-istess attur jistqarr li biex ma jinkorrix fil-penali prevvista ghall-kancellament kien kostrett jaghmel tajjeb ghall-hlas minn fondi proprji. Huwa dan il-hlas li issa qed jippretendi li jottjeni minghand l-Awtorita` appellanti;

Fermi dawn il-fatti, l-argument centrali ta’ l-Awtorita` appellanti hu rakkjuz f’ din is-sottomissjoni. Gjaladarba intemm il-kuntratt ta’ impjieg l-attur ma jistax jippretendi li l-kuntratt l-iehor tal-15 ta’ Ottubru 2003, hekk kwalifikat minnha bhala “kuntratt subordinat”, jista’ jibqalu effett jew li bil-volonta` ta’ l-appellat dak il-kuntratt jigi trasformat minn wiehed ta’ self ghal wiehed ta’ donazzjoni;

Innegabilment, dan l-argument jattira certi kunsiderazzjonijiet importanti ghal dik li hi r-rilevanza esterna u l-kollegalment tal-kuntratt partikulari. Kif maghruf, ir-rabta ta' kuntratt ma' iehor hi ta' diversi speci. Jezisti l-kuntratt derivat fil-forma ta' sottokuntratt, ad ezempju, is-sub-inkwilinat jew is-sub-appalt. Ghandek ukoll il-kuntratt accessorju, ad ezempju dak tal-garanzija jew fideiussjoni dixxiplinat mill-Artikolu 1925, Kodici Civili. Hemm ukoll ir-rapport li jigi mahluq bejn kuntratti varji, fejn, ukoll, il-partijiet mhux necessarjament ikunu l-istess, li huma allacjati flimkien minn unitarjeta` ta' operazzjoni jew prestazzjoni funzjonali li trid tigi realizzata, u li jikkrejaw rapport ta' interdipendenza reciproka, b' mod li l-vicendi f' kuntratt ikollhom riperkussjoni fuq il-validita` jew id-durata jew, ukoll, l-ezekuzzjoni tal-kuntratt l-iehor. Dan avolja kull kuntratt singolu jgawdi minnu nnifsu l-awtonomija tieghu. Ghal studju aktar ampju fuq din it-tematika ara l-opra kurata minn **Massimo Franzoni**, "**Le obbligazioni**", Edizione UTET, 2005;

Dan kollu qed jigi rilevat in kwantu l-Awtorita` appellanti donnha tinsa fl-argoment minnha sottomess l-incidenza tad-decizjoni taghha tat-temm ta' impjieg fuq l-obbligu li l-attur, rinfaccjat b' dik l-istess decizjoni, jaghmel tajjeb ghall-penali ta' 60% tat-"*tuition fees*" ghall-perijodu rimanenti tal-kors jekk hu jopta li ma jkomplihx. Sitwazzjoni din indotta fuqu u li kkrejatlu dilemma bil-konsegwenzi taghha kollha. L-esigenza ta' gustizzja kienet allura tiddetta li l-kwestjoni ma tigix konsiderata fil-konfini biss tal-kuntratt ta' l-impjieg, bl-attur assoggettat ghad-dixxiplina eskluzivament legalistika ta' dak il-kuntratt, imma fil-kwadru shih ta' l-obbligazzjonijiet naxxenti minn kontrattazzjonijiet ohra sottoskritti;

Hemm imbaghad, osservazzjoni ohra li trid issir. Il-kuntratt ta' impjieg jipprovdi fil-klawzola 25 tieghu illi "*expiration or termination of this contract shall not effect any of the Authority's rights or remedies, which shall survive the expiration, or termination of this contract*". Jekk hu gust u sewwa li dan ikun hekk, il-*buona fede*,

sostrat baziku u fundamentali ta' kull kuntratt, ghandu jkollha ugwalment riljiev u mportanza mhux biss ghal dik li hi l-ezekuzzjoni tieghu, imma anke fil-mument tat-tmiem tar-rapport mahluq b' dak il-kuntratt. *Multo magis*, fil-hsieb tal-Qorti, fil-kaz ta' kuntratt ta' mpjieg u t-terminazzjoni tieghu. Ragonevolment dan ghandu jkun hekk il-kaz in kwantu kuntratt ta' impjieg jikkreja sitwazzjoni ta' valuri partikulari: morali u socjali. F' din id-dimensjoni hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li certi drittijiet jew beneficcji maturati fil-kors ta' kuntratt bhal dan, u li jkunu ghadhom vigenti fit-tmiem tieghu, kellhom, u ghandhom, jibqghu assigurati lill-impjegat ukoll;

Jista' forsi jigi objettat illi l-Awtorita`, *qua* principal, kellha kull dritt ittemm l-impjieg fit-termini tal-klawsola kontrattwali mahsuba ghall-ezercizzju ta' dak il-poter potestativ moghti mill-kuntratt lill-kontraenti. Dan huwa veru imma, imbaghad, l-ezercizzju ta' dik id-deskrezzjonalita` moghtija mill-kuntratt ma kellhiex ghal daqshekk tigi tradotta *in peius* ghall-impjegat, meta dak l-istess att unilaterali jkun gab mieghu konsegwenzi patrimonjali fuq ftehim, ma' dak l-istess kuntratt kollegat, u li jkun qieghed fil-fazi ta' l-attwazzjoni tieghu;

Jista' forsi jigi objettat ukoll mill-Awtorita` appellanti illi l-kundizzjoni ta' l-impjieg ghal hames snin prevvista mill-ftehim tal-15 ta' Ottubru 2003 ma setghatx izjed tavvera ruhha. Dan huwa wkoll veru imma din hi l-konsegwenza tad-decizjoni unilaterali mehuda minnha li ghaliha ma jistax, u ma ghandux, jahti l-attur-impjegat. Kienet hi li hasset in-necessita` li tistronka r-rapport kontrattwali u jekk dan kien dritt *ex contractu* ta' l-Awtorita` li taghmlu dan ma kellux jimpingi fuq id-dritt, daqstant iehor valevoli, ta' l-impjegat li jassikura l-adempiment preciz ta' l-obbligazzjoni, b' applikazzjoni tan-normi ghall-kuntratti in generali. Zgur, imbaghad, li din il-Qorti mhix lesta li leggerment takkolji f' kaz ta' din ix-xorta l-principju kontenut fil-massima "*cessante jure dantis cessat jus adquirentis*", applikabbli frekwentement ghal kaz tas-sullokazzjonijiet fejn tkun spiccat il-lokazzjoni principali.

Ara **Kollez. Vol. XLVI P I p 301**. Objettivament, il-fattispeci jiddemostraw li hawn si tratta minn kwestjoni ta' obligazzjoni, u mhux ukoll ta' donazzjoni, kif hekk hu pretiz, invece, mill-Awtorita` appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost mill-Awtorita` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a karigu ta' l-istess appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------